KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037**
MALTA

SLIEMA LOCAL COUNCIL
**81 Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037.**
**Malta**

Telephone: +356 2133 7633
E: sliema.lc@gov.mt
W: sliemalc.gov.mt/en/

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAL-GĦAXAR LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 22

It-Tnejn u ghoxrin seduta tal-għaxar leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tlieta 21 ta' Ottubru 2025 fis-6pm ġewwa The Palace, Triq il-Kbira, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi Sindku |
| | Joe Aquilina | Kunsillier |
| | Wallace Baldacchino | Kunsillier |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | Ryan Borg | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Jacqueline Higgins | Kunsillier |
| | Vivienne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Zack Zammit | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | David Muscat | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Pierre P Portelli | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Uffiċċjal Amministrattiv II |

***Is-Seduta bdiet b'din l-Aġenda fis-6:20pm:***

22.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 21;

22.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

22.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

22.5 Approvazzjoni ta' Nominazzjonijiet – Gieh tas-Sliema 2025

22.6 Talba għal tibdil ta' skema ta' fondi mid-Divizjoni tal-Gvern Lokali

22.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;

22.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;

22.9 Mozzjonijiet;

22.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

## 22.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

**22.1.1** Il-Kunsill rċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-kunsillier D Muscat. Kien hemm qbil ghal din l-apologija.

*Dahal il-Vici Sindku 18:26*

## 22.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 21;

22.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti tal-laqgħa numru 21 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Approvazzjoni Minuti

Il-Kunsillier R. Borg ressaq korrezzjonjiet tal-minuti kif gej:
Fit-21.7 tizdied ilfrazi *Il-Kunsillier R Borg spjega li kien hemm anzjani li weggaw u b'daqxejn investiment nistaw nipprevjenu xi korriment jew tbatija.*
Fir-raba paragrafu tizdied il-frazi *'aċċettata u din il proposta la hija politika u lanqas hija ta detriment. Fl-ahhar minn l-ahhar kullhadd ghandu jiehu responsabilta tal-vot li jiehu. Il-kunsillier R Borg ma f'hemx ghala Il-kunsillier J Aquilina kien daqsekk kontra ax anzjani kienu ser igawdu minn*

*din il-proposta. Li jittiehed Vot hija prerogattiva ta kull kunsillier u mux l-ewwel darba li saret minn kunsilliera ohra.*
Wara l-hames paragrafu tizdied il-frazi *il kompromess tal Il-Viċi Sindku kien kompromess posittiv u gie appoggat mil-kunsillier R Borg. Dan il-kompromess gie accettat Unanimament mill Kunsillieri kollha.*

Kien hemm qbil ghal dawn il-korrezzjonijiet

Il-Kunsillier E. Borg ippropona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif korretti u kien s-sekondat mill-kunsillier R Borg.

**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera preżenti.**

## 22.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU;

***Dahlet il-Kunsilliera J. Higgans fis-18.34pm***

22.3.1 Il-Kunsilliera V. Galea Pace saqsiet dwar ir-raguni li kellha tigi posposta l-ftuh tar-rigenerazzjoni ta' GBD.Is-Sindku spjega li l-materjal li kellu jasal ghadu ma wasalx kollu. Madankollu hemm raguni ohra aktar valida, ghaliex peress li dan il-progett se jigi ffinanzjat mill-*Planning Funds* kif ukoll mil-Gvern Lokali hemm diversi proceduri li l-kunsill irid jimxi maghhom biex inkunu konfermi mar-regolamenti ghal dawn il-fondi. *GBD*

22.3.2 Is-Sindku informa dwar l-irrigation li kellu jsir fi Gnien Bonello Dupuis. Huwa informa li l-process se jitwal ghaliex irid jinhareg tender peress li l-ispiza hija wahda gholja u din tinkludi wkoll sigar u arbuxelli. (shrubs) Irrigation

22.3.3 Is-Sindku nforma li fi Triq il-Karmnu issa inghata *scaryfying (Type 1)* *Triq il-Karmnu*

22.3.4 Is-Sindku aggorna l-Kunsilliera li ghal din is-sena t-tizjin tal-Milied se jkun fil-hin ghaliex il-Kunsill hareg tender ghal dan is-servizz, u mistenni li sal-ahhar ta' Novembru 2025 id-dwal ikunu nxteghlu. Tizjin tal-Milied

22.3.5 Il-Kunsill gie infurmat li ghall-attivitajiet tal-Milied din id-darba l-Kunsill ma lahaqx applika fil-hin allura mhux se nkunu qeghdin ninghataw fondi apposta minn skema tad-DLG. Kien hemm diskussjoni shiha jekk il-Kunsill jistax jaghmel xi attivitjiet xorta mil-Budget tieghu. Il-Kunsilier J. Aquilina ppropona li jsir poll mal-Kunsilliera bl-attivitajiet kollha tal-Milied u l-ispiza taghhom tas-sena precedenti u l-Kunsill imexxi bl-attivita bl-aktar ammont ta voti. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Attivitajiet tal-Milied*

22.3.5 Is-Segretarju Ezekuttiv irrefera ghall-proceduri imsemmija fil-bidu tas-seduta biex il-Kunsill ikun jista jiehu l-fondi ghalprogett ta' GBD. Il-fondi li kellhom jinghataw ghall-progett ghal Triq Howard, il-Kunsill kien talab li dawn jigu trasferiti ghall-progett ta' Gnien Bonello Dupuis, dan biex ma jinitilfux il-fondi. Peress li l-progett ta' Triq Howard se jkun qieghed isir minn entitita tal-Gvern ohra. Il-Kunsill irrefera ghal SPI/sci/6/20 21 kif ukoll SPI/SCI/6/2020. Is-Sindku saqsa lill-Kunsilliera prezenti jekk jaqblux li dawn jigu trasferiti. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti li l-progett originali li kien se jsir ta' Triq Howard mhux se jsir mil-Kunsill u jaqblu li dawn il-fondi jigu trasferiti ghall-progett ta' Gnien Bonello Dupuis.

## 22.4 TWEGIBIET GHALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

22.4.1 Ma kienx hemm aktar twegibiet

## 22.5 APPROVAZZJONI TA' NOMINIAZZJONIJIET – GIEH TAS-SLIEMA 2025

22.5.1 Fin-nuqqas tal-Kunsillier D. Muscat (ghaliex ghal din is-seduta talab li jigi skuzat), is-SE qara r-rapport ufficcjali imhejji mic-Chairman tal-Bord in-Nutar Richard Vella Laurenti flimkien mal-membri ohra tal-Bord li huma indipendenti mil-Kunsill. Kien hemm numru ta' nominazzjonijiet li gew ipprezentati u din id-darba introducejna s-sistema ta' applikazzjonjiet *online* dan biex jigi mnaqqas l-istampar. Il-Bord iddecieda dawn ir-rebbieha kif gej :

Hayden Pesci
Charles Zammit
Mary Ann Baldacchino
Patri Claudio Borg
Edgar Izzo (RIP)

Il-Kunsilliera prezenti qablu b'mod unanimu mar-rakomandazzjonijiet tal-Bord.

**Kien hemm qbil fost il-kunsilliera prezenti li l-item 21.7 isir qabel 21.6**

## 22.6 TIBDIL TAL-ISKEMA TA' FONDI MID-DIVIZJONI TAL-GVERN LOKALI

22.6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lil kunsilliera preżenti li l-proġett oriġinali li l-Kunsill Lokali kien applika għalih, sabiex nieħdu l-fondi tal-iskema SPI/SCI/06/2020 – Krejazzjoni ta' Spazji Miftuħa mhus ser isir u allura il-

fondi ser jintuzaw għal proġett tar-Riġenerazzjoni tal-Ġnien George Bonello DuPuis.

**Is-Sindku staqsa lill-kunsilliera preżenti jekk kien hemm qbil dwar dan.**

**Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament.**

## 22.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

22.7.1 Is-Sindku ressaq l-iskeda tal-pagamenti ghall-approvazzjoni. Il-Vici Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsillier Wallace Baldacchino issekondah. Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni ta' pagamenti*

## 22.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGHAT TA' KUMITAT U/JEW SOTTO KUMITATI

22.8.1 Il-Kunsillier W. Baldacchino informa bit-talba minn Sport Malta. Il-ghan hu ghal *swimming lessons* ghall-adulti, u l-ewwel sitt xhur ikunu b'xejn. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta *Swimming lessons*

22.8.2 Il-Kunsillier R. Borg talab li sakemm tigi finalizzata l-procedura ghat-thejjija ta' bye laws dwar Air B'B, il-Kunsill jibghat ittra ufficjali lis-sidien ta' l-istess sabiex dawn jikkolaboraw mal-Kunsill rigward l-istorbju li jsir mill-klijienti taghhom, dwar l-iskart u inkonvenjenzi ohra. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. *Air B'B*

22.8.3 Il-kunsillier R. Borg qal li ser jghati rendikont dwar is-safra u l-konferenza li attenda flimkien mas-Sindku, s-Seg. Ezek. u l-Minoirty Leader fil-laqgħa li jmiss. *ESWAM Estonia*

22.8.4 Il-Kunsillier K. Wain saqsa jekk kellniex risposta mid-Dipartimenti koncernati dwar it-talba ghall-fondi sabiex jigi imhejji l-carrying capacity. Is-Sindku wiegeb li ghad le pero l-Kunsill bghat it-talba. *Carrying Capacity*

22.8.5 Il-Kunsilliera J. Higgans qalet li ser tattendi u tirraprezenta l-KL f'laqgha f'Brussell.

22.8.6 Il-Kunsilliera J. Higgans infurmat lill-Kunsill li kellha diversi lmenti li qieghed ikun hemm storbju fi Triq Windsor ma Gorg Borg Oliver. Fakkret ukoll li irraportat dwar l-istat hazin tal-bankina li hemm ix-Xatt ta' Tigne

*Il-Kunsillier Z. Zammit gie skuzat li jitlaq mis-seduta fit-19.53*

22.8.7 Il-Kunsillier J. Dougall informa dwar is-sitwazzjoni ta' Triq Bisazza fejn qieghed ikun hemm storbju eccessiv u sahansittra glied minn gruppi ta' zghazagh. Il-Kunsillier E. Borg ikkonferma dan ukoll. Is-Sindku informa li qieghed f'kominikazzjoni mal-Pulizija dwar dan *Triq Bisazza*

*Il-Kunsillier J. Aquilina gie skuzat li jitlaq mis-seduta fit-19.59*

22.8.8 Il-Kunsilliera V. Galea Pace saqsiet dwar il-process tal impjegati l-godda. Is-SE informa li dahlet impjegata ohra ta' Skala 15 u bdiet fl-20 t'Ottubru 2025. Saqsiet ukoll meta ma jkunx jista d-driver se jisr mis-servizz tal-Council Cab? Is-SE informa li ghadu kif gie infurmat li d-driver se jkun hames gimghat indispost u b'hekk is-SE qieghed jitlob stimi sabiex ikun jista jitkompla s-servizz. Il-Kunsilliera V. Galea Pace saqsiet ukoll dwar is-servizz tal-haddiema tal-manutenzjoni. IS-SE informa li l-Kunsill se jkun qieghed jahdem fuq tender ghaliex il-Kunsill ghandu nuqqas ta' haddiema li jahdmu fuq barra ghall-ammont ta' manutenzjoni li titlob lokalita bhal taghna. *Haddiema tal-Kunsill*

**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera preżenti.**

## 22.9 MOZZJONIJIET

22.9.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

## 22.10 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

22.10.1 Is-seduta ntemmet fit-20.48pm. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar il-Hamis 20 ta' Novembru 2024 fis-6pm.

Minuti approvati llum : 20 ta' Novembru 2025

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ____________________ |
| **John Pillow** | **Pierre P Portelli** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |